

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 328/2011**tal-5 ta' April 2011****li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol fir-rigward tal-istatistika dwar il-kaġuni ta' mwiet****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

*Artikolu 1***L-ambitu**

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tiegħu,

L-istatistika Ewropea fid-dominju ta' "kawżi ta' mwiet" għandha tikkonċerna l-imwiet u t-twelid ta' trabi mejtin reġistrati kollha li jseħħu f'kull Stat Membru, u tiddistingwi dawk residenti minn dawk li mhumiex.

*Artikolu 2***Definizzjonijiet**

Billi:

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1338/2008 jistabbilixxi qafas komuni għall-produzzjoni sistematika tal-istatistika Ewropea dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol.
- (2) Skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1338/2008, huma meħtieġa miżuri implimentattivi biex jispeċifikaw id-dejta u l-metadejta li għandha tiġi provduta dwar il-kawżi ta' mwiet koperti mill-Anness III għal dak ir-Regolament u biex jistabbilixxu l-perjodi u l-intervalli ta' referenza biex tiġi provduta din id-dejta
- (3) Dejta kunfidenzjali mibgħuta mill-Istati Membri lill-Kummissjoni (l-Eurostat) għandha tiġi mmaniġġjata skont il-prinċipju ta' kunfidenzjalità statistika bħalma hu stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-istatistika Ewropea⁽²⁾ u skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fl-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji u dwar il-moviment ħieles ta' tali dejta⁽³⁾.
- (4) Saret analiżi tal-kosti kontra l-benefiċċji, li ġiet evalwata skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1338/2008.
- (5) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema tal-Istatistika Ewropea,

- (a) "mewt" tfisser l-għajbien permanenti ta' kull evidenza ta' ħajja fi kwalunkwe żmien wara li jkun seħħ twelid ħaj (il-waqfien tal-funzjonijiet vitali wara t-twelid mingħajr kapaċità ta' qawmien mill-mewt). Din id-definizzjoni teskludi t-twelid ta' trabi mejtin;
- (b) "twelid ta' trabi mejtin" tfisser mewt fetali, jiġifieri mewt qabel it-tneħħija jew l-estrazzjoni kompleta minn l-omm ta' prodott ta' konċepiment, irrispettivament mit-tul taż-żmien tat-tqala. Il-mewt tiġi indikata mill-fatt li wara tali separazzjoni mill-omm il-fetu ma jhux nifs jew ma jurix kwalunkwe evidenza oħra ta' ħajja, bħalma huma t-taħbit tal-qalb, il-pulsazzjoni tal-kurdun taż-żokra, jew iċ-ċaqliq definittiv ta' muskoli volontarji;
- (c) "eta tal-ġestazzjoni" tfisser it-tul tal-ġestazzjoni, imkejla mill-ewwel jum tal-aħħar ċiklu mestrwali normali. L-eta tal-ġestazzjoni hija espressa fi ġranet kompleti jew f'ġimgħat kompleti;
- (d) "mewt ta' trabi tat-twelid" tfisser il-mewt li sseħħ fost twelid ħaj matul l-ewwel 28 jum sħaħ ta' ħajja (jum 0-27);
- (e) "parita" tfisser in-numru ta' twelid ħaj jew ta' twelid ta' trabi mejtin preċedenti (0, 1, 2, 3 jew aktar twelid ħaj jew twelid ta' trabi mejtin preċedenti);
- (f) "imwiet oħrajn" tfisser l-imwiet li jseħħu wara l-perjodu tal-mewt ta' trabi ta' twelid mit-28 jum sħiħ ta' ħajja 'il quddiem;

⁽¹⁾ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 70.

⁽²⁾ ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164.

⁽³⁾ ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

(g) "il-kawża prinċipali tal-mewt" tfisser il-marda jew il-korrimment li tkun tat bidu għas-sensiela ta' okkorrenzi morbużi li jkunu wasslu direttament għall-mewt, jew għaċ-ċirkostanzi tal-inċident jew vjolenza li pproduċew il-korrimment fatali;

(h) "residenti" tfisser "residenti soliti" fil-post fejn persuna normalment tqattal-perjodu ta' mistrieħ ta' kuljum, irrispettivament mill-assenzi temporanji għal raġunijiet ta' rekreazzjoni, vaganzi, żjarat lil ħbieb u qraha, negozju, trattament mediku jew pellegrinaġġ reliġjuż.

Il-persuni li ġejjin biss għandhom jiġu kkunsidrati bħala residenti soliti taż-żona ġeografika kkonċernata:

(i) dawk li għexu fil-post tar-residenza solita tagħhom għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 12-il xahar qabel id-data ta' referenza; jew

(ii) dawk li jkunu waslu fil-post tar-residenza solita tagħhom matul it-12-il-xahar qabel id-data ta' referenza bil-ħsieb li joqogħdu hemm mill-inqas għal sena.

Fejn iċ-ċirkostanzi deskritti fil-punt (i) jew (ii) ma jistgħux jiġu stabbiliti, "ir-residenza solita" għandha tfisser il-post ta' residenza legali jew reġistrata;

Artikolu 3

Id-dejta meħtieġa

L-Istati membri għandhom jittrasmettu lill-Kummissjoni (l-Eurostat) il-lista ta' varjabbli stipulati fl-Anness. Fejn hu possibbli, l-istatistika li tikkonċerna l-imwiet tar-residenti li jmutu barra mill-pajjiż għandha tiġi inkluża.

Għat-twelid ta' trabi meġtin mill-inqas wieħed minn tliet kriterji ta' rappurtaġġ għandhom jiġu applikati fl-ordni li ġejja: (1) il-piż tat-tarbiġ, (2) l-eta tal-ġestazzjoni u (3) t-tul mill-qurriegħa sal-għarqub. Il-ġabra tad-dejta għandha tkun limitata għall-gruppi li ġejjin:

(a) Il-piż tat-trabi minn 500 g għal 999 g jew meta l-piż tat-trabi ma japplikax l-eta ta' ġestazzjoni minn 22 sa 27 ġimgħa sħaħ, jew meta l-ebda mit-tnejn ma japplika t-tul mill-qurriegħa sal-għarqub minn 25 sa 34 ċm (Varjabbli 9), u

(b) Il-piż tat-trabi minn 1 000 g u aktar jew meta l-piż tat-trabi ma japplikax l-eta ta' ġestazzjoni wara 27 ġimgħa sħaħ, jew meta l-ebda mit-tnejn ma japplika t-tul mill-qurriegħa sal-għarqub ta' 35 ċm jew aktar (Varjabbli 10).

Artikolu 4

Perjodu ta' referenza

Il-perjodu ta' referenza għandu jkun s-sena kalendarja.

L-Istati membri għandhom jipprovdu d-dejta speċifikata f'dan ir-Regolament lill-Kummissjoni (l-Eurostat) f'24 xhar wara t-tmiem tas-sena ta' referenza.

L-ewwel sena ta' referenza għandha tkun l-2011.

Artikolu 5

Metadejta

Informazzjoni rilevanti, li tinkludi informazzjoni dwar differenzi nazzjonali li jirrigwardaw definizzjonijiet, kopertura ta' data, il-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Mard (ICD) reviżjonijiet u aġġornamenti wżati u s-sistemi b'kodiċi awtomatiċi, kif ukoll informazzjoni dwar l-għażla u l-modifikazzjoni tal-kawża prinċipali tal-mewt, għandha tiġi trasmessa mill-Istati Membri lill-Kummissjoni (l-Eurostat).

Artikolu 6

Il-provvista ta' dejta u metadejta lill-Kummissjoni (l-Eurostat)

L-Istati Membri għandhom jipprovdu mikrodejta jew dejta aggregata (finalizzata, validata u aċċetata) u metadejta meħtieġa minn dan ir-Regolament skont standard ta' skambju speċifikat mill-Kummissjoni (l-Eurostat). Id-dejta u l-metadejta għandhom jiġu pprovduti lill-Eurostat mill-punt ta' aċċess uniku.

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' April 2011.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

Il-lista tal-varjabbli li għandha tintbagħat lill-Kummissjoni (l-Eurostat)

Varjabbli	Residenti			Non-residenti li mietu fil-pajjiż li jirraporta		
	Twelid ta' trabi mejtin	Imwiet ta' trabi tat-twelid	Imwiet oħrajn	Twelid ta' trabi mejtin	Imwiet ta' trabi tat-twelid	Imwiet oħrajn
1) Is-sena tal-mewt (id-data tal-okkorrenza)	C	C	C	C	C	C
2) Sess	V	C	C	V	C	O
3) Il-kawża prinċipali tal-mewt ICD (erba' ċifri)	V	C	C	V	C	O
4) Eta (jum 0, jum 1, 2, 3, 4, 5, 6, jum 7-27, jum 28-365, l-1 sena, it-2, 3, 4, 5-9, ... 85-89, ... 105+)	X	C	C	X	C	O
5) Il-pajjiż tal-okkorrenza	V	C	C	V	C	O
6) Ir-Reġjun tal-okkorrenza (NUTS 2)	V	C (*)	C (*)	V	C	O
7) Ir-reġjun ta' residenza (NUTS 2)/Ir-reġjun ta' residenza tal-omm (NUTS 2)	V	C	C	V	V	V
8) Il-pajjiż ta' residenza/Il-pajjiż ta' residenza tal-omm	X	X	X	V	C	O
9) L-ewwel grupp ta' twelid ta' trabi mejtin — piż tat-tarbija minn 500 g sa 999 g jew meta il-piż tat-tarbija ma japplikax — età ta' ġestazzjoni minn 22 sa 27 ġimgħa sħaħ jew meta l-ebda mit-tnejn ma japplika — it-tul mill-qurriegħa sal-għarqub minn 25 sa 34 ċm	V	X	X	V	X	X
10) It-tieni grupp ta' twelid ta' trabi mejtin — piż tat-tarbija ta' 1 000 g u iktar jew meta l-piż tat-tarbija ma japplikax — età ta' ġestazzjoni wara 27 ġimgħa sħaħ jew meta l-ebda mit-tnejn ma japplika — tul mill-qurriegħa sal-għarqub ta' 35 ċm jew iktar	V	X	X	V	X	X
11) L-età tal-omm skont il-grupp t'età (età ta' anqas minn 15-il sena, imbagħad gruppi t'età ta' ħames snin sal-età ta' 49 sena u 50 sena jew iktar)	V	V	X	V	V	X
12) Parità	V	V	X	V	V	X

NB.: C- Obligatorju; V-Volontarju; X- Mhux applikabbli

(*) Volontarju għal residenti li jmutu barra mill-pajjiż.